2 ta' Mejju, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Avukat Dr. George Vassallo ne. *versus* Aurelio Mea ne. et.

**Bejgħ — Korrispondenza Telegrafika jew Epistolari — Silenzju tal-Partijiet — Konswetudini Kummerċjali — Polza tal-Kariku — Klawsola "Per Conto di chi Spetta".**

*Fit-trattattivi ta' bejgħ ta' merkanzija ordnata lil ditta barra minn Malta hemm l-obbligu tar-risposta bejn il-partijiet, u dana l-obbligu hu aktar impellenti fil-konswetudini kummerċjali, speċjalment meta hemm rapport kontinwattiv bejn il-partijiet bi skambju ta' korrispondenza telegrafika jew epistolari.*

*Il-kumpratur li jaf x'inhu l-kwantitattiv tal-merkanzija karikata fuq il-vapur li fuqu għandha tasal hawn Malta, u jippreżenta ruħu biex jieħu dik il-merkanzija bħala t-titolari tat-tagħbija rappreżentata mill-polza tal-kariku, meta din tkun unika għall-kwantitattiv kollu, ma jistax, wara li jieħu parti minn dik il-merkanzija, bla ma jkun għamel ebda protesta qabel ma beda jieħu, jirrifjuta l-komplament tat-tagħbija billi jallega illi l-merkanzija li waslet hija in eċċess ta' dik li kien ordna.*

*Il-klawsola "per conto di chi spetta" fil-polza tal-kariku tirriferixxi għall-veru proprjetarju tal-merkanzija; u għalhekk id-destinatarju li jiġi ruħu bħala l-proprjetarju tal-merkanzija karikata b'dik il-polza, u ma jagħmel ebda protesta jew riżerva, huwa obbligat jirċievi l-kwantitattiv kollu, u mhux dik il-parti biss li hu jippretendi li ġiet minnu ordnata.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni, li biha l-attur nomine ppre-

metta li l-imsemmi Mea nomine rtira u ħallas biss 150 tunnellata patata in un partita ta' 218.75 tunnellati li waslu Malta fuq l-S.S. Marte, fil-21 ta' Settembru 1950; u li skond il-polza tal-kariku ma kellux jirtira parti, u ma kellhiex id-ditta "Mazzone" tikkonsenjalu parti biss, imma kollox; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u mogħtija l-provvedimenti opportuni, il-konvenut Mea nomine jiġi minn dina l-Onorabbli Qorti kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £1306, bilanċ tal-prezz ta' 218.75 tunnellata patata, liliu mibjugħin, li waslu Malta fuq l-S.S. Marte, flimkien ma' l-imgħax kummerċjali fuq l-imsemmija somma mill-21 ta' Settembru 1950; u f'difett ta' kundanna ta' l-imsemmi konvenut Mea, jew f'difett ta' ħlas minnu, jiġi dikjarat il-konvenut Pace nomine responsabbli versu l-attur tad-danni, talli ma osservax il-patti tal-polza tal-kariku u talli ma rrikjediex dokumenti minn għand Mea nomine meta ikkonsenjalu l-patata— danni li jirriżultaw mit-trattazzjoni, u li jiġu likwidati f'dan l-ġudizzju jew f'ieħor separat;

*Omissis;*

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Bit-telegramm fol. 5, tal-11 ta' Settembru 1950, id-ditta "Mea" konvenuta invitat lid-ditta attriċi tagħmlilha offerta għal 150 tunnellata patata. Bit-telegramm tagħha responsiv ta' l-istess data (fol. 6), id-ditta attriċi għamlet lid-ditta 'Mea' *offerta ta'* 150/200 tunnellata patata bil-prezz ta' £25 it-tunnellata; id-ditta 'Mea', fir-risposta tagħha telegrafika fol. 7, ta' l-istess data, qalet "possiamo arrivare sterline 23". L-għada, 12 ta' Settembru 1950, id-ditta attriċi rrispondiet billi aċċettat il-kontro-offerta ta' £23 it-tunnellata *bit-telegramm* fol. 8, li fih jingħad ċar "accontentarvi bene 150/200 tonnellate solite condizioni carichiamo Carmela settimana". Fit-13 ta' Settembru 1950 id-ditta attriċi ttelegrafat lid-ditta "Mea" "*noleggiato vapore Marte 250 tonnellate*". *Jista' jkun* li d-ditta attriċi kienet qiegħda tirriferixxi għall-ispazju noleġġjat, meta speċifikat numru ta' tunnellati aktar minn dawk sa dak il-waqt proposti u aċċettati (*ċjoè 250 minflok* 150/200); imma, ankorkè ma kienetx qiegħda tirriferixxi għall-ispazju noleġġjat, il-pożizzjoni giet kjarita in segwitu;

Difatti, id-ditta "Mea", b'telegramm tagħha tat-13 ta'

Settembru 1950, non ostanti li kienet ġà aċċettat il-kwantitativ 150/200, qalet lid-ditta attriċi "avvertiamovi mercato disastroso non possiamo assumere responsabilità oltre 150 tonnellate nel vostro interesse non eccedete nostra ordinazione";

Fl-14 ta' Settembru 1950 id-ditta attriċi ittelegrafat lid-ditta "Mea" "vostri telegrammi 13 conforme propostovi noleggiato Marte 150/200 tonnellate". Wara dak it-telegramm, u preċiżament fil-15 ta' Settembru 1950, id-ditta "Mea" rrispondiet b'dawn il-kliem, ċjoè "promesso ammiragliato spedizione Carmela questa settimana giusto vostro filo 12.........." Żewġ affarijiet importanti għandhom jiġu notati in konnessjoni ma' dan it-telegramm ta' l-aħħar. Id-ditta "Mea", mentri għar-rigward tat-telegramm fuq imsemmi, li indika l-kwantitativ ta' 250 tunnellata, kienet ipprotestat, inveċe, għat-telegramm konfermatorju ta' l-akkordju preċedenti tad-ditta attriċi ta' l-14 tax-xahar, u li kien isemmi ċar 150/200 tunnellata, ma qalet xejn, u nsistiet biss fuq l-urġenza ta' l-spedizzjoni. Mhux biss, imma f'dan it-telegramm ta' l-aħħar hemm il-kliem "giusta vostro filo 12". Dawn il-kliem ifissru illi, meta d-ditta "Mea" rċeviet it-telegramm tad-ditta attriċi tat-13 ta' Settembru, li fih kien jingħad "accontentarvi bene 150/200 tonnellate 23.........." tant ħasset li l-operazzjoni kienet konkjuża, li impenjat ruħha ma' l-Ammiraljat;

Fil-15 ta' Settembru, id-ditta attriċi ittelegrafat lid-ditta "Mea": "Marte caricato sacchi 4375 tonnellate 218.75 arriverà tassativamente entro 21/22 massimo". Fl-istess ġurnata d-ditta "Mea" reġgħet insistiet għal l-karikazzjoni immedjata. Ma jistax jingħad li d-ditta "Mea" kienet ġa rċeviet it-telegramm tad-ditta attriċi ta' l-istess ġurnata, għaliex dan imbagħat minn Napli dik il-ġurnata fis-sitta ta' filgħaxija, u t-telegramm tad-ditta "Mea" minn Malta sar fil-ħamsa u kwart ta' filgħaxija ta' l-istess ġurnata. Imma għandu jiġi notat li meta d-ditta "Mea" għamlet dan it-telegramm ta' l-aħħar, ċjoè tal-15 ta' Settembru, li fih ma semmiet bl-ebda mod il-kwistjoni tal-kwantitativ, kienet irċeviet it-telegramm tad-ditta attriċi tal-14 tax-xahar, fol. 11, li fih din kienet qaltilha "vostri telegrammi 13 stop conforme propostovi noleggiato Marte 150/200 tonnellate.........";

Fit-22 ta' Settembru, id-ditta "Mea" (meta l-vapur kien

ġa ħatt hawn Malta, għabba, u reġa' telaq) reġgħet qajmet il-kwistjoni tal-kwantità bit-telegrammi fol. 15, u d-ditta attriċi l-għada (fol. 16) irrikjamat lid-ditta "Mea" għall-akkordju bil-kliem "rileggete nostri telegrammi confermatovi 150/200 tonnellate................ vostro reclamo tardivo................"
Għandu jiġi notat illi, għalkemm iż-żewġ telegrammi, tad-ditta attriċi u tad-ditta "Mea", tal-15 tax-xahar, inkroċjaw ruħhom, kif fuq ingħad, eppure d-ditta "Mea", li rċeviet dak it-telegramm tad-ditta attriċi dak in-nhar stess, tard filgħaxija, jew almenu l-għada filgħodu (is-16 tax-xahar), it-telegramm ċjoè li fih id-ditta attriċi kienet qiegħda tgħid ċar "Marte caricato sacchi 4375 tonnellate 218.75..........", ħalliet jgħaddi perijodu mhux indifferenti, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, ta' sitta jew sebat ijiem qabel ma reġgħet qajmet il-kwistjoni tal-kwantità u ppretendiet li din kienet 150 tunnellata biss, meta l-vapur, kif ingħad, kien ġa wasal hawn Malta, ħatt, għabba u telaq, mentri fil-korrispondenza ta' qabel l-iskambju kien dejjem immedjat;

Din iċ-ċirkustanza ta' l-aħħar ma għandhiex tiġi trasandata, għaliex għandha importanza mhux ftit. Hi ħaġa nota li ż-żewġ massimi kontradittorji, waħda tad-Dritt Ruman "qui tacet non utique fatetur", u l-oħra tad-Dritt Kanoniku "qui tacet consentire videtur", ġew armonizzati mill-ġuristi fil-massima "qui tacet, cum loqui potuit et debuit, consentire videtur". L-obligu tar-risposta hu aktar impellenti fil-konswetudini kummerċjali. Kif josserva sewwa l-Giorgi (Teor. Obbligaz. Vol. III, para. 192), "la buona fede e le convenienze del commercio fecero ritenere in certi casi che nelle corrispondenze fra negozianti il dissenso venisse espresso con risposta esplicita". Dan hu aktar hekk meta jkun hemm rapport kontinwativ bejn il-partijiet bi skambju ta' korrispondenza telegrafika jew epistolari. "A più forte ragione", igħid l-istess awtur (para. 192, pag. 226), "il silenzio produce obbligazione contrattuale quando fra le parti esiste un rapporto contrattuale continuativo, che nel suo progressivo svolgimento impone come legge contrattuale anche l'obbligo di rispondere";

Dan kien appuntu l-każ preżenti. Kif jidher minn dak li-ġà ngħad, bejn il-partijiet kien hemm skambju rapidu u

vivaċi ta' telegrammi, wieħed fuq l-ieħor, b'intervall ta' xejn; intant jasal lid-ditta "Mea" dan it-telegramm tal-15 ta' Settembru, bil-kliem tant importanti "Marte caricato sacchi 4375 tonnellate 218.75...........", u minflok risposta immedjata bħal qabel, id-ditta "Mea" tikkonserva s-skiet għal sitta jew sebat ijiem, u mbagħad, fit-22 ta' Settembru 1950, meta d-ditta "Mea" kienet għamlet minn jeddha dak li ġieb din il-kawża (ċjoè ħadet 150 tunnellata biss), allura bagħtet it-telegramm bi protesta fuq il-kwantità, li kienet taf biha almenu mis-16 ta' Settembru 1950;

Għalhekk hu ċar, mill-kumpless tal-korrispondenza telegrafika fuq elenkata, li kien fiha indikazzjoni speċifika u kompleta b'determinazzjoni ta' l-elementi essenzjali ta' kuntratt simili, illi bejn id-ditta attriċi u d-ditta "Mea" kien hemm akkordju fis-sens sostnut mid-ditta attriċi. Id-ditta "Mea" bdiet biex talimita l-ordinazzjoni proġettata minnha għal 150 tunnellata, imbagħad però spiċċat biex aċċettat il-kwantitativ propost u spedit mid-ditta attriċi. Sussegwentement, imma tardivament, riedet tirritorna għall-kwantitativ originali, meta kien hemm ġa akkordju vinkolanti fis-sens sostnut middittà attriċi. Minbarra mill-korrispondenza telegrafika fuq imsemmija, ir-responsabilità tad-ditta "Mea" hi lumeġġjata anki b'fatti sussegwenti;

Il-vapur "Marte" wasal Malta fil-21 ta' Settembru 1950. Kif jidher mill-unika kopja tal-polza tal-kariku li għandha quddiemha l-Qorti (ċjoè l-kopja tal-kaptan, eżibita din il-kopja fil-proċess "Pace vs. Dr. Ganado", 554/1950, pendenti "sine die" quddiem din il-Qorti, li għalih il-kollitiganti għamlu riferenza), il-merkanzija ġiet mibux nominativament, imma għall-ordni. Fuqha naturalment kien hemm l-indikazzjoni tal-kwantitativ korrispondenti għal dak indikat fit-telegramm fol. 13. Il-konvenut Aurelio Mea, li, bħala li kien fil-pussess ta' dak it-telegramm, kien jaf kemm patata kienet karikat id-ditta attriċi fuq il-"Marte", qabel ma wasal il-vapur, ittelefona lill-aġent rakkomandatarju tal-vapur (Ronald Pace, il-konvenut l-ieħor — ara fol. 19 tal-proċess "Pace vs. Dr. Ganado"), u qallu li l-partita patata li kienet ġejja abbord ta' dak il-vapur kienet tiegħu. Ma semmielux bl-ebda mod ebda kwistjoni fuq il-kwantitativ. Ma qallux li hu kien jippretendi li kien hemm

eċċess, u li hu kien sejjer iħott 150 tunnellata biss, avvolja kien jaf kemm kienet il-kwantità karikata. Kompla jgħid Pace fix-xhieda tiegħu, fol. 19 tal-proċess l-ieħor, "qalli li hu kien għamel ordinazzjoni ta' dik il-partita u li kienet ġejja mal-vapur "Marte"; talabni wkoll biex il-vapur jittrakka malmoll biex jiffranka l-ispejjeż". Il-konvenut Pace, avvolja l-konvenut Mea ma pproduċielu l-ebda polza, jew ebda surrogat tagħha (per eżempju "delivery order" — ara Gpza. Cod. Comm. Navarrini u Vedani, art. 557, para. 39, 40), u avvolja ma tah ebda garanzija bankarja, tah fiduċja u ppermettielu jiskarika. Il-konvenut Mea beda jiskarika, u f'ebda mument ta' l-iskarikazzjoni ma qal lil Pace, jew lill-"foreman" tiegħu Cini, jew lill-kaptan jew rappreżentant tiegħu (ara xhieda ta' dan fol. 34), illi hu kien bi ħsiebu jħott biss 150 tunnellata, għax id-ditta ta' barra kienet bagħtitlu eċċess. Kien biss flaħħar, meta kien ħa l-150 tunnellata, li hu ħareġ bil-kliem "bagħtuli aktar milli xtrajt", u rranġa biex il-bilanċ jiġi mqiegħed fl-"agricultural verandah" tal-Gvern għan-nom ta' l-aġent;

Issa, ċertament b'dana l-aġir Mea qiegħed ruħu f'pożizzjoni li ssaħħaħ it-teżi tad-ditta attriċi. Il-polizza kienet unika għall-kwantitativ kollu. Mea ppreżenta ruħu bħala t-titolari tat-tagħbija rappreżentata b'dik il-polza. Kieku ma kienx hekk, żgur li ma kienx jinduċi lil Cini jew lill-konvenut Pace li jagħtuh fiduċja u jħalluh jiskarika bla polza jew dokument surrogat ieħor, jew garanzija bankarja. Għalhekk b'dan il-fatt hu ġie li assuma l-obligu li jieħu l-kwantitativ kollu. Ladarba l-konvenut Pace, li kien qiegħed jaġixxi għall-armatur u l-kaptan, ippermettielu li jkun kunsidrat daqs kieku kellu f'idejh il-polza, Mea, vis-a-vis il-kaptan, kellu l-istess obligi ta' possessur tal-polza;

Issa, każ simili hu hekk kunsidrat mid-dottrina. "I rapporti giuridici fra vettore e destinatario cominciano soltanto quando quest'ultimo. possessore della polizza di carico, reclama la consegna della merce. Il capitano quindi non può costringerlo al ricevimento, prima che si presenti. Ma se il destinatario ha ricevuto una parte della merce, e rifiuta le altre, potrà egli costringerlo a ricevere il resto? Sebbene la consegna sia divisibile di fatto, l'obbligazione, sia del capi-

tano, che del ricevitore, deve ritenersi indivisibile di diritto riguardo al modo in cui la considerarono i contraenti............ Quindi il ricevitore dovrà accettare tutto, o restituire tutto ciò che ha ricevuto..............'';

Il-pont hu li meta l-konvenut Mea pprezenta ruħu bħala t-titolari tal-kariku ta' patata fuq il-''Marte'', u fuq din l-asserzjoni tiegħu ottjena li jħott, avvolja bla dokument u bla garanzija, bla ma qal xejn fuq dak li kien jippretendi, bla ebda riżerva fuq l-imitazzjoni tal-kwantitativ, allura hu għandu jieħu l-konsegwenzi ta' dan l-għemil tiegħu irregolari; għaliex la darba ġie kunsidrat bħala l-possessur tal-polza, għalhekk jiġi li ħa l-konsegwenzi tal-polza, bil-kwantitativ indikat fiha, bla ebda frazzjonament; u dan in bażi għall-prinċipju li l-polza hija t-titolu favur, imma anki kontra, id-destinatarju. Kif osservat il-Cassazione di Napoli fis-sentenza tagħha De Luca vs. Jovane, 13 maggio 1919, ''l'unico titolo che vige pro o contro il destinatario della merce è la polizza di carico'' — prinċipju li ġie ribadit f'deċiżjoni oħra tat-Tribunal ta' Napli, 18 ta' Mejju 1917, Cavallotti c. Natella (Riv. Dir. Marittim. 1918, 645, fejn intqal :— ''La polizza di carico è il documento che attesta l'esecuzione del contratto di noleggio e regola i rapporti tra capitano e ricevitore; onde esclusivamente secondo il suo tenore letterale si misurano le obbligazioni di esso ricevitore''. Mea kien qisu l-possessur tal-polza unika għall-kwantitativ kollu, u kwindi kellu l-obbligu li jieħu kollox. F'dan il-każ hu beda l-iskarikazzjoni taħt dik il-polza u bħala reputat possessur tagħha, bla ma għamel ebda kwistjoni jew protesta fuq il-kwantitativ. Kieku huwa beda l-iskarikazzjoni għax kostrett mit-tenur tal-polza, iżda taħt protesta għall-eċċess, allura l-pożizzjoni tiegħu kienet tista' tiġi apprezzata, u kien jiftiehem l-aġir tiegħu sussegwenti dwar l-eċċess; imma f'dan il-każ Mea skarika taħt dik il-polza, unika għall-kwantitativ kollu, bla protesta ta' xejn; anzi lil Cini u lil Pace tkellem magħhom b'mod li dawn ma setgħux ikunu jafu b'xejn b'dak li wara kien sejjer joħroġ bih. Kif igħid il-Parodi (Dto. Commerc. Lib. III, Tit. V, pag. 288), il-klawsola ''per conto di chi spetta'' fil-polza, kif kien hemm f'dan il-każ, tirrifer ixxi ''al vero proprietario della mercanzia''; u l-konvenut Mea, sakemm skarika l-150 tunnellata li kellu f'rasu li jis-

karika, wera ruħu bħala l-proprjetarju tal-merkanzija karikata b'dik il-polza, bla ebda riżerva jew protesta ta' xejn;

Għalhekk il-Qorti hi ta' fehma li l-assunt tad-ditta attriċi fil-konfront ta' Mea hu sostnut;

Kwantu għall-konvenut Pace, ikkunsidrat;

Id-ditta attriċi qiegħda tirradika r-responsabilità ta' dan il-konvenut fuq il-fatt li hu għażel li jagħti fiduċja lill-konvenut l-ieħor billi ppremett'elu li jiskarika bla ma ppreżentalu l-polza jew surrogat tagħha, jew bla ma pprestalu garanzija bankarja;

Għalhekk ir-responsabilità tal-konvenut Pace hi mhux kontrattwali, imma akwiljana; vwoldiri, in linea ta' danni minħabba ħtija tiegħu;

Issa l-Qorti hi ta' fehma li din l-azzjoni għall-mument hija intempestiva, u li tkun tista' tiġi eżerċitata (salv il-meritu tagħha) fl-ipotesi ta' pronunċja ġudizzjarja irrevokabili fis-sens li Mea ma hux responsabili, jew, jekk in segwitu għall-aċċertament ġudizzjarju tar-responsabilità ta' Mea, jiġi pruvat li d-ditta attriċi ma rnexxielhiex, jew ma hemmx possibilità raġjonevoli, li titħallas minn għandu. Peress li l-assunt tad-ditta attriċi fil-konfront tal-konvenut Pace, jekk sostnut, iġib għar-responsabilità "in subsidium", għalhekk l-azzjoni kontra tiegħu ma hijiex esperibili ħlief wara l-verifika ta' dawk il-kondizzjonijiet;

Għandu jiġi notat, bħala materja proċedurali, li fid-domanda alternattiva kontra l-konvenut Pace l-attur nomine ommetta kull menzjoni ta' spejjeż. Però dana ma hux ta' ostakolu li jiġi provvdut fuq il-kap ta' l-ispejjeż anki għar-rigward ta' dan il-konvenut; għax ġie ritenut li dik il-klawsola "bl-ispejjeż", bħala waħda "di stile", għandha tiġi ritenuta kompriża u mitluba;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' t-talba prinċipali u tikkundanna lill-konvenut Mea nomine jħallas lill-attur nomine s-somma mitluba ta' £1306, bl-imgħaxijiet kummerċjali mill-21 ta' Settembru, 1950; bl-ispejjeż kontra dan il-konvenut nomine;

Kwantu għat-tieni talba kontra l-konvenut Pace nomine, atteża l-intempestività tagħha, tillibera lil dan il-konvenut

mill-osservanza tal-ġudizzju. L-ispejjeż ta' dan il-kap, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bla taxxa; drittt tar-Reġistru bin-nofs.

---